San Lawrenz

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGHA KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 10 – It-Tlieta 12 ta' Jannar 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fl-4:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Noel Formosa | Sindku |
| | Anthony Formosa | Viċi Sindku |
| | Franco Buhagiar | Kunsillier |
| | Joseph Cauchi | Kunsillier |
| | Carmen Grima | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Agent Segretarju Eżekuttiv |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 **Approvazzjoni tal-Minuti tal-aħħar laqgħa**

2.1 Ġew ikkonfermati l-minuti tal-laqgħa ta' qabel.

2.2 Is-Sindku ~~rrefera~~ rrefera għal fatt li l-kuntrattur tal-iskips ingħata warning bil-miktub u ma jidhirx li reggħa kien hemm ilmenti minn dakinhar 'l hawn.

2.3 Saret referenza għal fatt li l-Kunsill Lokali daħħal l-applikazzjoni ma' Transport Malta għal *communial disabled parking bay* f' Daħlet il-Ġnien.

2.4 Is-Sindku semma' li peress li t-Triq tal-Qasam hija bejn San Lawrenz u l-Għarb talab lis-Sindku tal-Għarb biex niddiskutu kif b'mod urġenti jista' jsir manutenzjoni lil Triq il-Qasam. S'issa għad ma għandniex appuntament. Sar qbil li għandna nerġgħu infakkruhom.

2.5 Is-Sindku rrefera għall-attivitajiet tal-Milied bħala suċċess u lkoll intlaqgħu tajjeb mill-pubbliku. Rigward it-tiżjin tal-Milied, din is-sena kien wieħed limitat iżda

sena oħra jinħtieġ li jsiru preparamenti minn qabel biex it-tiżjin ikun wieħed originali li jixraq lill-Pjazza tal-lokal.

2.6 Is-Sindku rrefera għal-ganċijiet tal-iskart ta' Triq it-Torri u għal fatt li dawn għadhom ma tneħħewx. Dan qed jiġri peress li jekk jinqalgħu dawn imbagħad ikollhom jinqalgħu tal-lokal kollu. Sar qbil li għandna nitolbu lis-sidien tal-flats tal-faċċata, li jiġu nstallati cameras u li l-Kunsill ikollu access għalihom f'każ ta' rapporti. Dwar dan fil-passat jidher li dawn l-istess sidien kienu diġà offrew li jsir dan.

## 3.0 Korrispondenza

3.1 Il-Kunsillier Franco Buhagiar talab li għandha tintbgħat ittra lill-MTA rigward ir-regolamenti tal-istabilimenti u r-restoranti f'San Lawrenz biex dawn ikun konformi mal-ligi speċjalment għax-xhur tas-sajf.

3.2 Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lil Perit Edward Scerri biex ikun hu li jagħtina l-parir dwar x'tip ta' bollards jinħtieġ li jsiru bħala protezzjoni quddiem iċ-Ċentru.

3.3 Ġiet trattata l-ittra mingħand il-Perit Emanuel Vella fejn talab il-kummenti tal-Kunsill rigward applikazzjoni ta' mobile kiosk fil-bajja tad-Dwejra. Il-Kunsill qabel li għandu jwieġeb li sakemm din it-talba tikkwalifika skont il-Pjan approvat għad-Dwejra, fid-Dwejra Management Plan, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li l-applikant ikun ġabar l-approvazzjonijiet kollha neċessariji mingħand l-awtoritajiet konċernati.

3.4 Is-Sindku Noel Formosa rrefera għall-talba simili li saret f'Awissu u saqsa jekk intbgħatitx risposta għaliha. Sar qbil li s-Segretarja għandha tikkonferma mal-eks Segretarja Eżekuttiva dwar dan.

3.5 Is-Sindku semma' l-fatt li n-niżla għad-Dwejra tiżloq u tista' tkun ta' periklu għal min jaċċessaha. Huwa semma' wkoll talba li saret fil-passat u baqgħet ma saret qatt dwar il-ħtieġa ta' puġġaman fit-telgħa li twassal għall-Kappella ta' Sant Anna.

3.6 Hawnhekk il-kunsilliera Carmen Grima, irreferiet għal-laqgħa li hija attendiet għaliha dwar Natura 2000 fejn matulha ġie kkonfermat li hemm fondi għad-Dwejra biex jintużaw għal xi proġetti ta' dan it-tip. Għalhekk sar qbil li għandha tintbgħat email lic-Chairman tal-MEPA u ssir referenza għal din il-laqgħa, u nitolbu sabiex isiru railings tal-injam u ħbula kemm matul in-niżla tal-Qawra kif ukoll matul it-telgħa lejn il-kapella ta' Sant'Anna.

3.7 Ġiet trattata l-email mingħand is-Sur Michael Noelle rigward proposta li jixtieq iressaq dwar dawl aħjar għall-faċċata tal-Knisja. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob laqgħa miegħu flimkien mal-kapillan sabiex nevalwaw il-proposta tiegħu. Ser jattendi s-Sindku Noel Formosa u l-Kunsilliera Carmen Grima.

3.8 Ġiet trattata l-email mingħand in-Nutrionist Eileen Vella rigward programm li ser iniedi d-Dipartiment tas-Sahha għall-aerobics għal nies li huma 'obese'. Il-Kunsill qabel li għandu jidħol għal dan il-programm u għandu jinfurmaha li qed jaċċetta din il-partecipazzjoni. In-nies għandhom jiġu nfurmati permezz tal-ħarġa li jmiss ta' "L-Avviżi tal-Kunsill".

3.9 Ġiet trattata l-email minghand Alex Cutajar sabiex jinħatar bord dwar id-Dementia ~~Free~~ Village. Sar qbil li bħala rappreżentanti fil-Bord għandu jkun kompost mis-Sindku Noel Formosa, mill-Kunsilliera Carmen Grima, minn Therisien Mizzi u Maria Cassar. Sar qbil li għandhom jiġu kkuntatjati dawn il-persuni u meta jiġi stabilit għandna ninfurmawh lura bil-lista tan-nies proposti.

3.10 Ġiet trattata l-ittra mingħand il-Victoria Scout Group rigward mixja li ser jagħmlu b'risq il-Community Chest Fund fl-okkażżjoni tal-mitt sena mit-twaqqif tal-*iscouts* f' Għawdex. Din ser issir nhar il-Hadd 24 ta' Jannar 2016 u ser jgħaddu minn San Lawrenz. Huma talbu jekk il-Kunsill jistax jorganizza xi attivita' dak il-hin. Il-Kunsill qabel li ser jinforma lin-nies b'din l-attività u s-Sindku ser ikun fil-pjazza biex jilqa' lil dawk li ser jgħaddu mill-pjazza tagħna, fosthom l-E.T. il-President ta' Malta li għandu mnejn tkun preżenti.

3.11 Is-Segretarja ġibdet l-attenzjoni li l-kontijiet tat-telefon tal-Kunsill qed ikunu għoljin peress li qed ikunu jinkludu l-mobile calls. Issuġġerit u sar qbil li għandu jsir kuntratt ta' mobile li jkun jinkludi l-calls kollha b'xejn u jintuża mill-amministrazzjoni tal-Kunsill minflok it-telefon biex iċemplu minnu. Sar qbil ukoll li l-linja tal-fax għandha titneħħa u minflok tinqaleb għal-Easyline.

## 4.0Manutenzjoni tal-generator tad-Dwejra

4.1 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza li permezz tagħha kien qed iżomm lil-kunsilliera aġġornati rigward din il-materja. Huwa spjega kif l-Agent Malti tal-*generator* qabad u rrangah mingħajr ma erġajna avżajnih u qalilna li ġie jiswa ħafna anqas minn dak kwotat. It-tiswija ġiet tiswa €950. Ġa la darba dan issewwa' ma kienx hemm x'tagħmel għalkemm hemm il-kwistjoni li meta l-generator ittieħed għat-tiswija kien fih mal-€180 diesel ġo fih u inġab b'ħafna inqas. Sar qbil li dan l-ammont għandu jinqata' mill-kont u tinghata spjegazzjoni. Sar qbil ukoll li għandna nagħtu *service* lil dan il-*generator*.

## 5.0 Hruġ ta' offerti għall-manutenzjoni tal-Playing Field- Dementia Village

5.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li l-offerti qed jiġu preparati mill-Perita mqabbda mill-Kunsill il-Perita Mariella Xuereb. Huwa semma' li malli jkunu lesti għandhom jintbgħatu lill-Onor Justyne Caruana biex tapprovahom u wara jiġu ppublikati għall-pubbliku.

## 6.0 Attivita' ta' Chess Day

6.1 Is-Sindku propona li għandha tiġġ organizzata ġurnata bħala tournament tac-Chess biex nippromovu dan l-isport. Il-Kunsill qabel dwar dan. Is-Sindku għandu jitkellem mal-persuna li qed toffri li tgħinna biex norganizzaw din il-ġurnata.

## 7.0 Attivita biex tfakkar il-mitt sena tal-Lawrenzjani ta' New Caledonia

7.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li matul din is-sena jaħbat il-mitt anniversarju minn meta l-ewwel Lawrenzjani marru l-Awstralja bħala Emigranti. L-istorja tgħid li dawn għaddew minn ħafna tbatija fil-vjagg tagħhom u anke meta waslu f' New Caledonia. Tkun ħaġa sabiħa jekk dawn hutna jiġu mfakkra. Sar qbil li sabiex isir dan għandha titellgħa wirja ta' ritratti antiki dwar din l-istorja. Sar qbil li għandna ninfurmaw lin-nies fl-avviżi tal-Kunsill fejn issir talba għal dawn ir-ritratti.

## 8.0 Ftuħ tal-offerti

**8.1** Tender Bulky Refuse - Għal din l-offerta intefgħet offerta waħda biss dik ta' Nicholas Zammit għall-prezz ta' €5.10 inkluż il-VAT għal kull ġabra. Il-Kunsill qabel li għandu jagħżel din l-offerta u jagħmel kuntratt kemm fil-jiem li ġejjin.

**8.2** Tender live Streaming - Għall-offerta tal-Live Streaming intefgħet offerta waħda biss mingħand AID Ltd għall-prezz ta' €3345. Il-Kunsill qabel li għandu jaċċetta din l-offerta u li jsir kuntratt fil-jiem li ġejjin biex jekk jista jkun tkun installata sal-aħħar ta' Jannar.

**8.3** Tender għall-Accountant - Għal din l-offerta intefgħet offerta waħda biss mingħand Joe Cordina Accountancy għall-prezz ta' €2975 inkluż il-VAT. Il-Kunsill ra li l-offerta taqbeż l-ammont li l-Kunsill jaffordja preżentament biex iqabbad Accountant biex jagħmel ix-xogħol ta' sena sħiħa u għalhekk għandu jirrifjuta din l-offerta għalissa.

## 9.0 Karnival 2016

9.1 Sar qbil li l-attivita' tal-Karnival għandha ssir il-Ġimgħa 5 ta' Frar 2015 fit-8:00 ta' filgħaxija. L-ewwel premju tal-karrijiet għandu jkun dak ta' €100 biex ninkoragixxu t-talent lokali. Il-kumplament tal-Premijiet ikunu trofew bħas-soltu. Bħala kumpaniji ta' zfin sar qbil li għandna nġibu kumpanija waħda ta' zfin kif ukoll inġibu l-Kummittiva' ta' Ta Ciangura Folk group u nħallsuhom tas-servizz.

9.2 Dwar din l-attività għandna ninfurmaw lin-nies permezz ta' "L-Avviżi tal-Kunsill" u fuq il-facebook page tal-Kunsill.

## 10.0 Materji oħra

10.1 Sar qbil li għandha tintbgħat email lil kuntrattur tal-KIP rigward il-ħtieġa li jonoraw il-ħinijiet tal-ġbir ta' nhar ta' Sibt, dawk ta' bejn nofsinhar u s-2:00pm.

10.2 Is-Sindku rrefera għall-problemi ta' nuqqas ta' pressa tal-ilma li hemm fi Sqaq fi "Ta' Golona" kaġunati minn xi xogħolijiet li saru waqt li sar ix-xogħol. Is-Sindku għandu jitkellem mal-kuntrattur Joe Grima biex issir spezzjoni fuq il-post u naraw kif jista jiġi rimedjat.

10.3 L-ambaxxatriċi Renee' Formosa kienet preżenti għall-aħħar laqgħa tagħha bħala ambaxxatriċi peress li fil-jiem li ġejjin ser tagħlaq 18-il sena. Il-Kunsill irringrazzjaha tas-servizz b'impenn tagħha u awguralha għal ħafna aktar ħidma qalb iż-żgħażagħ fil-futur.Il-Kunsill rrikonoxxa din il-ħidma tagħha permezz ta' tifkira żgħira. Hawn il-Kunsill iddeċieda li għandu jiftaħ n-nomini għal Ambaxxatur ġdid/a. Dan isir permezz tal-ħarġa, "L-Avviżi tal-Kunsill"

10.4 Il-kunsillier Franco Buhagiar irrefera ghat-tabella li giet imwaħħla fi Triq San Lawrenz u li d-direzzjoni lejn id-Dwejra ġiet ħażina. It-tabella jinħtieg li tinbidel. Sar qbil li għandha tittieħed azzjoni dwar dan.

10.5 Il-kunsilliera Carmen Grima irreferiet għat-tappieri tad-drenaġġ ta' Triq San Lawrenz u dwar il-ħtieġa li t-Triq tingħata t-tieni kisja. Sar qbil li għandha tintbgħat email lid-Direttur Mark Formosa fejn nenfasizzaw il-ħtieġa tat-tkomplija ta' din it-triq.

10.6 Il-Kunsillier Franco Buhagiar irrefera wkoll għal ħtieġa sabiex nerġgħu ntennu t-talba biex isiru crash barriers fit-Triq tad-Dwejra. Is-Sindku rrefera għad-diversi talbiet li huwa għamel rigward dan il-periklu. Sar qbil li għandha terġa titressaq din it-talba quddiem l-awtoritajiet.

10.7 Il-Viċi Sindku Anthony Formosa rrefera għall-fatt li huwa mportanti li s-siġar taż-żebbuġ jinżabru bħalissa għax issa huwa ż-żmien.

10.8 Sar qbil li bħala Get-together tal-Milied għall-kunsilliera u l-istaff isir nhar il-Hadd 24 ta' Jannar f'nofsinhar fil-Bancinu Restaurant.

## 11.0 Approvazzjoni ta' pagamenti

11.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti u ġew approvati.

## 12.0 Għeluq u data għal-laqgħa oħra

12.1 Il-laqgha ntemmet fis-6:30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 9 ta' Frar 2016 fis-2:00 ta' wara nofsinhar.

**Noel Formosa**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**